**QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. TONI ABELA LL.D.**

**Rikors numru 944/2024**

**Fl-Atti tal-mandat numru 625/2024**

**Av. Malcolm Mifsud noe**
**Vs**
**Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta’ Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited (is-Socjeta’ rikorrenti) tat-28 ta’ Awwissu 2024.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Ottubru 2024 fejn il-partijiet qablu li ghas-seduta tal-lum din il-Qorti taghti digriet dwar l-applikabbilita’ o meno dwar artikolu 18 tas-Securisation Act.

Rat li fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2024 Dr. Marisa Vella rrilevat li l-artikolu inkwistjoni mhux dak indikat minnha imma artikolu iehor u cioe’ 16(5) tal-istess Att u kif citat fir-rikors promotur.

Il-Qorti rat l-atti u dokumenti kollha fil-procedura.

**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jinghad li artikolu 16(5) tal-Kap 484 jidddisponi hekk:

*"L-ebda persuna, ħlief kreditur ta' securitisation, ma jista' jitlob il-ħruġ jew inforzar ta' xi att kawtelatorju jew mandat kontra l-mezz tas-securitisation ħlief meta l-qorti tkun sodisfatta li kien hemm frodi da parti tal-mezz tas-securitisation".*

Issa skond artikolu 3 tal-istess Kap 484 tal-Att, mezz ta' sekurizazzjoni huwa s-segewnti:

*"(1) Mezz tas-securitisation jista' jkun:*

*(a) kumpannija, inkluża kumpannija tal-investiment;*

*(b) soċjetà kummerċjali;*

*(ċ)trust maħluq b'dokument miktub; jew*

*(d) kull struttura legali oħra li l-awtorità kompetenti tista', permezz ta' avviż, tippermetti li tintuża għal operazzjoni tas-securitisation, stabbilit taħt il-Liġijiet ta' Malta jew dawk ta' ġurisdizzjoni rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti.*

*(2) Meta mezz tas-securitisation ikun stabbilit skont dan l-Att:*

*(a) l-għanijiet u l-iskopijiet ta' tali mezz għandhom ikunu limitati għal tali materji li huma neċessarji sabiex jitwettqu kull operazzjoni jew l-operazzjonijiet kollha maħsuba jew meħtieġa sabiex tiġi implimentata jew ikun hemm parteċipazzjoni f'operazzjoni tas-securitisation u l-attivitajiet kollha relatati u anċillari nklużi, mingħajr limitazzjoni l-akkwist, l-amministrazzjoni u l-ġbir ta' krediti u riċevibbli oħra jew assi oħra tas-securitisation, it-teħid ta' riskji, l-għoti ta' self assigurat, il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji jew is-self ta' fondi sabiex jiġi finanzjat l-akkwist ta' assi jew it-teħid ta' riskji, it-tqabbid ta' fornituri ta' servizzi sabiex jamministraw jew isostnu l-attivitajiet tiegħu u l-iffirmar ta' strumenti derivattivi; u*

*(b) id-dokument kostituttiv tiegħu għandu jgħid speċifikament li huwa mezz stabbilit bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Operazzjonijiet tas-securitisation."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-vejiklu finanzjarju pjuttost sofistikat gie mahluq biex Kumpanija li tamministra l-finanzi u investimenti ohrajn, permezz ta' holqien ta' celluli ta' investituri varji, izzomm distinti l-assi, kemm il-passiv u anke l-attiv, ta' kull investitur separat u b'hekk ma jkunx hemm konfuzjoni ta' investimenti separati ta' investituri li joperaw separatament mill-istess Socjeta' ta' Securisation permezz ta' celluli li jinholqu ai termini tal-regolamenti sussidjarji ai termini tar-regolamenti 386.16.

Ghalhekk jidher car li huwa accettabbli li jinhargu mandati kontra c-celluli izda mux kontra s-Socjeta' ta' Securisation innifisha tant li r-regolament 11 jiddisponi s-segwenti:

*"Cellular assets attributable to a cell of a securitisation cell company shall;*

*(a) only be available to the creditors of the company whoare creditors in respect of that cell and who are thereby entitled, in conformity with these regulations, to have recourse to the cellular assets attributable to that cell;*

*(b) be absolutely protected from the creditors of the company who are not creditors in respect of that cell and who accordingly are not entitled to have recourse to the cellular assets attributable to that cell".*

Huwa ghalhekk li l-artikolu 16 tal-Att jidddisponi li ma jistghux jinhargu mandati kawtelatorji kontra s-Socjeta' ta' Securistation, bhal ma hi s-Socjeta' rikorrenti, izda jistghu jinhargu kontra c-celluli, ghaliex kif tistabilixxi l-ligi stess dawn huma awtonomi u indipendenti mis-Socjeta' ta' Securisation sakemm ovvjament ma jkunx hemm frodi, kif fil-fatt jiddetta l-istess artikolu 16 tal-ligi principali.

Imma f’dan l-istadju din il-Qorti tirriskontra diffikulta’. Ghad irid ikun stabbilit jekk is-Sentenza estera tikkolpixxix ukoll lis-Socjeta’ rikorrenti fid-dawl ta’ dak li qieghed jinghad minnha u cioe’ li ma kinitx parti ghas-Sentenza li kienet deciza. Dan huwa ezami li jrid isir kemm f’dan ir-rikors u anke fir-rikors l-iehor numru 386/2024TA, li permezz tieghu l-intimat nomine qieghed jitlob l-esekuzzjoni tas-Sentenza.

Il-Qorti diga’ tat hjiel lill-partijiet, li dan ifisser li l-ahjar mod kif tipprocedi hu, li tisma’ fil-mertu r-rikors imsemmi u kontestwalment tiddeciedi wkoll ir-rikors odjern ghaliex mhux possibbli li din il-Qorti taghti digriet f’dan ir-rikors li allura ma tkunx ukoll iddecidiet ir-rikors l-iehor meta dan tal-ahhar ma jkunx ghadu formalment deciz.

Ghalhekk il-Qorti theggeg lill-partijiet jikkonkludu malajr kemm jista’ jkun jittrattaw finalment ir-rikors l-iehor biex per konsegwenza jigi wkoll deciz ir-rikors odjern kontestwalment anke billi okkorrendo tirrikjama r-rikors l-iehor ghal data aktar qrib stante li jinsab differit ghas-16 ta’ Dicembru 2024.

**Illum, 12 ta’ Novembru 2024**

**ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.**